MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2006

Numru 1063/2006

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Kenneth Ellul, iben Joseph Mary,
imwieled Pieta' fil-15 ta'
settembru, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' ottubru, 2006 għal ħabta tal-4.30 p.m. f'Marsaskala, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Liudmila Svatova, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati, li kieku sar kien ikun aggravat bil-vjolenza u bil-valur;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, ikkaġuna feriti ħfief fuq il-persuna ta' Liudmila Svatova, skond kif iċċertifikat minn Dr. Diane Balzan M.D.;

3. talli fis-7 ta' ottubru, 2006, f'ħinijiet differenti, f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tat-tip Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni SLV 064, mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terżi persuni;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semghet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 261(a)(ċ), 262, 267, 279(a), 280(2), 221(1), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(1A)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' ħmistax il-xahar priġunerija. Tordna li l-imputat jiġi skwalifikat minn kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena u tali sospensjoni tibda tiddekorri minn meta l-imputat jispiċċa jiskonta l-piena karċerarja. Billi l-imputat għandu problema tad-droga tħeġġeġ lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jassikura li l-imputat qed jingħata l-għajnuna kollha possibbli biex jegħleb dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------